TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 104/25/F

**Valentina Abela**

**vs**

**SWD Acomodel Sofa / Franco Camilleri**

Illum, 10 ta' Novembru 2025

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-5 ta' Ġunju 2025;

Ra r-Risposta tal-azjenda intimata ppreżentata fis-6 ta' Awwissu 2025;

Sema' x-xhieda bil-ġurament u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħha, ir-Rikorrenti qiegħda titlob rifużjoni tas-somma ta' €2,715.50 mingħand l-azjenda intimata. Dan jirrappreżenta *in parte* l-prezz li hija ħallset għal sufan konsenjat mill-azjenda intimata f'Mejju 2024. Ir-raġuni wara din it-Talba, kif tispjega hi, hija minħabba li parti mit-tapezzerija ta' dan is-sufan tqaxxret u tilfet il-kulur tagħha wara li kellha tnaddafha għax it-tifel ħarbitlu l-awrina fuq is-sufan. Issostni li s-sufan ġie mibjugħ lilha bħala "*kid and pet friendly*" u allura, ma kienx raġjonevolment mistenni li jiġri hekk sempliċiment għax is-sufan jitnaddaf wara inċident ċkejken.

Illi l-azjenda intimata tirribatti li għalkemm il-materjal *microfibre* li bih huwa tapezzat is-sufan huwa *water repellent*, f'dan il-każ, il-ħsara ġrat minħabba li r-Rikorrenti qabdet u naddfet is-sufan kif dehrilha hi billi applikat it-terra u għamlet ħafna pressjoni niex tnaddaf. Riżultat ta' dan, il-materjal tas-sufan sar raff u saret aktar ħsara.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*.

Ili l-intimat jispjega li minkejja li l-ħsara kienet taqa' barra mill-kopertura tal-garanizja, b'rieda tajba, huwa kien offra soluzzjoni billi r-Rikorrenti tħallas biss tad-drapp u t-tapezzar mill-ġdid isir *buona grazia*. Din il-proposta ġiet rifjutata mir-Rikorrenti kemm fil-korrispondenza eżebita kif ukoll quddiem it-Tribunal innifsu meta hija saħqet li ma għandhiex fiduċja fi kwalunkwe interventi riparatorji li jistgħu isiru mill-azjenda intimata u lanqas fil-prodott innifsu. Għalhekk, it-Tribunal jifhem li r-rimedju li qed tfittex ir-Rikorrenti huwa l-ħall tal-kuntratt ta' bejgħ.

Illi għalhekk, it-Tribunal sejjer jeżamina jekk fil-fatt hemmx nuqqas ta' konformità li jimmerita l-ħall tal-kuntratt ai termini tal-liġi.

Illi mid-dokumentazzjoni tal-manifattur eżebita mill-azjenda intimata stess fuq ordni tat-Tribunal, jirriżulta li l-materjal li bih huwa tapezzat is-sufan huwa tabilħaqq ċertifikat li għandu *colour fastness to rubbing* meta jkun imxarrab fl-istess grad ta' meta jkun niexef. Intant, dawn l-ispeċifikazzjonijiet jelaboraw li "*in case of stains, remove dirtiness diretly with a tissue and clean the stain with a neutral soap solution. Then clean with pure water*". L-ispeċifikazzjonijiet uffiċjali tal-materjal huma konsonanti ma materjal li huwa tabilħaqq adattat għall-użu mit-tfal u f'dar fejn hemm l-annimali domestiċi. Fix-xhieda tagħha, ir-Rikorrenti fil-fatt tikkonċedi li meta kienet fk-istadju li tixtri s-sufan in kwistjoni, "kienu spjegawli li bħala materjal il-*microfibre* huwa reżistenti għall-qtar ta' likwidu fis-sens li jdum aktar ma jassorbi". Minn imkien ma joħroġ li r-Rikorrenti ġiet imwiegħda li l-materjal tas-sufan huwa kompletament *water resistant*. Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal ċertament mhux każ ta' *misselling* attribwibbli lill-azjenda intimata.

Illi mill-provi, inkluż ix-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament joħroġ li minħabba li kien hemm l-awrina fuq is-sufan, hija għamlet il-terra biex tnixxifha, ġabritha bil-vacuum cleaner u wara għaddiet sabiex meshet is-sufan b'mild detergent u microfibre cloth. It-Tribunal jinnota li minkejja li fix-xhieda tagħha ir-Rikorrenti ssemmi *mild detergent*, fl-Avviż tat-Talba tgħid li hija kienet naddfet is-sufan

permezz ta' "*kitchen/plate soap*" li fil-fehma konsiderata tat-Tribunal qajla jista' jitqies bħala sapun ħafif jew addirittura newtrali, stante li l-użu ordinarju tiegħu huwa li jaqta' ż-żjut u x-xaħmijiet minn mal-platti u borom. It-terra mill-banda l-oħra, meta tintuża biex wieħed jogħrok biha, twassal għal effett simili għas-*sand paper* jew *grinding paste* u għalhekk, huwa probabbli li l-isfigurament fil-wiċċ tas-sufan ġie kkawżat hekk.

Illi mill-assjem taċ-ċirkostanzi, fuq bażi ta' probsbbilità it-Tribunal iqis li l-ħsara fis-sufan ġiet ikkawżata jew għall-anqas aggravata sal-punt lamentat bl-użu tat-terra u sapun qawwi fuq is-sufan minn naħa tar-Rikorrenti li jmorru dijametrikament kotra dak li jirrakkomanda l-manifattur biex jitnaddaf is-sufan. Għalhekk, it-Talba tar-Rikorrenti taħt il-garanzija kontra l-azjenda intimata m'hijiex ġustifikata.

**Deċiżjoni:**

**Għalqastant, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha.**

**Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D. (Melit.), ECPC-B (Maastricht)**
***Arbitru***